**Minuti**

**Seduta Nru. 16/2015**

Data: L-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2015

Ħin: 6.00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Sur Matthew Mangion – *Chairperson* 18:30
Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson
Sur Owen Patrick Attard – *Membru*
Sur Manuel Galea – Membru

Sur Christopher Cutajar – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużat: Sur Jimmy Zahra – *Membru*

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:16 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

## 1. Minuti

350 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 15/2015 b'emenda fl-artikolazzjoni ta' minuta 336.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

351 Dwar minuta 336 is-Segretarju qal li saru kalkoli dwar l-ispejjeż għas-sena 2015 li se jkun qed jgħaddihom lill-Membri kollha tal-Kumitat. Iċ-Chairperson talbet li jingħataw id-dettalji mgħoddija mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Iċ-Chairperson is-Sur Matthew Mangion daħal fil-kamra fis-18:30.

Iċ-Chairperson qal li talab rendikont finanzjarju lill-Accountant tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għaliex ilu jitlob tali rendikont. Qal li minkejja Mistoqsija Parlamentari 21297 mill-Onor. David Agius, xorta waħda baqa' ma kellux tweġiba min-naħa tal-Kunsill Lokali B'Kara. Iċ-Chairperson qara korrispondenza li kellu mal-Accountant tal-KL B'Kara. Fisser kif huwa meħtieġ li tali rendikonti jaslu għand il-KAS, speċjalment fid-dawl tal-fatt li fil-laqgħa tal-lokalita' jeħtieġ tingħata dikjarazzjoni finanzjarja. Iċ-Chairperson qal li se jkollu laqgħa fil-preżenza tas-Segretarju, l-Accountant, u s-Sindku ta' Birkirkara, u anke ċ-Chairperson ta' Fleur De Lys.

352 Dwar 339. Is-Sur O P Attard qal li s-Sindku ta' Birkirkara infurmatu li t-taraġ minn Triq il-Vittmi tal-Gwerra għal Triq il-Wied se jkun qed jiġi restawrat. Semma' wkoll li passaġġ li jibda minn Triq l-Għabex u li jagħti għal Triq il-Wied ukoll jeħtieġ li

jkun mistħarreġ hux pubbliku jew le. Dwar id-dawl tal-Knisja iċ-Chairperson qal li għandu jerġa' jkellem lis-Sindku ta' Birkirkara.

353 Dwar minuta 341. Il-Viċi Chairperson qalet li jeħtieġ li jkun hemm iktar edukazzjoni fir-rigward tal-ġbir tal-iskart organiku fil-borża l-bajda. Qalet li hemm problema għaliex hemm min għadu joħroġ boroż kbar suwed mentri fil-fatt il-borża s-sewda maż-żmien jeħtieġ li titneħħa. Is-Segretarju se jagħmel kuntatt ma' Wasteserv biex jingħataw materjal edukattiv biex jittella' fuq il-paġna ta' *facebook*. Ġiet mitkellma l-ideja li ssir żjara fl-impjant ta' Wied il-Għajn wara lekċer li ssir fis-Swatar stess. Is-Segretarju se jibgħat kuntatt tal-Wasteserv lis-Sra D Galea.

354 B'rabta ma' minuta 343. B'referenza għal sit fi Triq P Borg Olivier k/m Triq Maestro Giuseppe Busuttil, is-Sra D Galea qalet li jeħtieġ li sakemm jitlesta x-xogħol, il-ħajt tal-madwar jittella' aħjar milli kien qabel.

355 B'rabta ma' minuta 344 is-Segretarju qal li kiteb lid-Dipartiment tal-Proprjeta' tal-Gvern biex ikun determinat jekk l-art li tiġi biswit u taħt Triq Indri Grima hix art pubblika jew le. Dwar ix-xogħolijiet fil-Bandli qal li se jintalbu tliet kwotazzjonijiet. Is-Sur O P Attard qal li fil-bandli kien hemm episodju ta' ġlied u sar rapport fil-Kunsill Lokali tal-Imsida li sussegwentament irraportaw lill-Korp tal-Pulizija.

356 Dwar minuta 345 se jkun qed jiġi meħud ritratt tal-istejġ innifsu biex wieħed ikun jaf ir-rotot li jgħaddu minn din l-istejġ. Is-Segretarju se jibgħat il-fuljetti tar-rotot.

357 Dwar minuta 347 is-Sra D Galea qalet li t-tournament tal-football ma jistax isir f'Saint Martin's College.

358 Dwar minuta 348 is-Sra D Galea qalet li l-ewwel sessjoni li jaqbel li ssir hija dik relatata mas-cyber crime. Hija semmiet kif kellha korrispondenza mill-Malta Ramblers Association, b'żieda ma' korrispondenza li ġja' ċċirkolat fost il-membri dwar is-sessjonijiet l-oħra.

### 3. Korrispondenza

Ma ġiet diskussa ebda korrispondenza.

### 4. Affarijiet oħra

359 Is-Sindku ta' Birkirkara talbet li tiddiskuti l-immaniġġjar tat-traffiku fis-Swatar fuq in-naħa ta' Birkirkara, li eventwalment saret fit-3 ta' Diċembru 2015. Is-Sra D Galea qalet li l-impatt li jħalli t-tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku minnu nnifsu se jkun ta' impatt fuq in-naħa tal-iMsida tas-Swatar. Il-laqgħa li saret fuq il-post kienet l-iktar jirrigwardjaw it-toroq tan-naħa ta' Ta' Paris. Iċ-Chairperson se jitlob l-abbozz

tat-*traffic management plan* lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex isir eżerċizzji ta' paraguni mal-Proposti li kienu saru mill-KAS fil-passat. Is-Segretarju għandu jara li jsib dawn il-pjanijiet.

360 Il-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir il-Ġimgħa 28 ta' Jannar fis-6pm. Għandu jintbagħat avviż bil-posta ordinarja.

361 Is-Sur O P Attard issuġġerixxa li l-Minuti jkunu mtella' fuq Facebook. B'mod prattiku tista' ssir billi jkunu *uploaded* fuq is-sit lc.gov.mt l-ewwel.

**5. Aġġornament**

364 Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar fis-6pm.

Il-laqgħa ntemmet fit-20:08 hrs.

Matthew Mangion
*Chairperson*

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data tal-approvazzjoni: ________________________